**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 25/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Carmelo Portelli**
**(ID 464185(M))**

**Illum, 27 ta' Settembru 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Carmelo Portelli ta' 22 sena, imwield il-Pieta` fil-11 ta' Settembru 1985, iben John u Maria Carmela nee` Tabone, residenti gewwa Block 1, Door B, Flat 17, Triq il-Mithna, Gudja u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 464185(M);

Akkuzat talli fil-25 ta' Lulju 2008:

Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-

Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-25 ta' Lulju 2008, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Norbert Ciappara, PC 1348 u PS 1086 marru gewwa Tas-Sliema, minn fejn kellha titlaq dghajsa li fuqha kien ser isir *party*. Hemmhekk kien hemm diversi zghazagh li kienu qeghdin jistennew sabiex jitilghu fuq id-dghajsa u huma bdew jaghmlu xi tfittxijiet.

Dwar dan, PC 1348 Joseph Campbell jghid illi f'hin minnhom huwa nnota lil PS 1086 Johann Micallef jigbed lill-imputat fil-genb biex jaghmillu tfittxija. Jghid hekk: "*Kif appena gibdu lejn il-genb, nnutajt lill-imputat jarmi bott ghal gol-bahar fejn imbaghad irrezistiena dik il-ftit sakemm kkontrollajnieh u gbarna l-bott minn gol-bahar, gbartu jiena stess fejn rrizulta li kien fih xi pilloli suspettati ecstasy*".[1] Ix-xhud esebixxa l-bott in kwistjoni, liema bott huwa gharfu bhala dak li tefa' l-imputat fil-bahar. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi l-incident sehh ghall-habta tat-8.00 p.m., li dak il-hin kien hemm diversi zghazagh – madwar 200 ruh - jistennew biex jitilghu fuq id-dghajsa. Meta gie ssuggerit lilu illi kien hemm ammont ta' konfuzjoni wkoll, huwa wiegeb "*Mhux fil-vicinanzi fejn kienet l-azzjoni tas-sinjur*"[2] u dan ghaliex fil-hin tal-incident, huwa kien ingibed minnhom fil-genb u ma kienx mal-folla tan-nies. Jghid ukoll illi meta PS 1086 gibed lill-imputat fil-genb minn man-nies li kienu qeghdin jistennew biex jitilghu fuq id-dghajsa, hu (ossia x-xhud) kien qieghed mal-kju, li s-Surgent kien qieghed forsi

[1] A fol. 26 u 27 tal-process.
[2] A fol. 27 tal-process.

metru u nofs jew l-izjed zewg metri l-boghod minnu u li kif hu ra li l-kollega tieghu gibed lill-imputat fil-genb, mar biex jassistih. Jghid ukoll illi huwa eleva l-bott billi xxabbat u tellghu mill-bahar. Ghad-domanda "*Jigifieri kien qieghed vicin il-moll qed tghid inti*", ix-xhud wiegeb "*Dahal mal-mewg u gbartu*".[3] Mistoqsi dwar il-kronologija ta' kif sehh kollox, huwa jghid illi l-ewwel ikkontrollaw lill-imputat u mmanettjawh, ghamlulu tfittxija, imbaghad gabar il-bott mill-bahar. Meta gie ssuggerit lilu li huwa ma kienx jaf x'waddab l-imputat, ix-xhud jghid illi huwa kien rah il-bott u li x'hin l-imputat telaq il-bott minn idejh, huwa seta jarah ghalkemm kien zghir. Jghid ukoll illi ghalkemm kienu ghall-habta tat-8.00 p.m., kien ghadu d-dawl peress illi kien is-Sajf. Ukoll skont ix-xhud, ghalkemm fil-frattemp, huma mmanettjaw lill-imputat u ghamlulu tfittxija li ma tiehux izjed minn tletin sekonda, il-bott gie nnutat mill-ewwel u zammewh taht ghajnejhom il-hin kollu biex javvicina lejn l-art u jigbruh. Jghid illi b'kollox minn meta PS 1086 gibed lill-imputat sakemm huwa gabar il-bott mill-bahar "*ghaddew forsi l-iktar 3 jew 5 minuti*".[4]

PS 1086 Johann Micallef jghid illi huwa gibed lil Portelli u cioe` lill-imputat fil-genb u kif avvicinawh hu flimkien ma' PC 1348, huwa rah "*minn goc-cinta tal-jeans jgholli jdejh u jitfa' gol-bahar bott trasparenti li x'hin tellghajnieh kien jidher li kien hemm xi ammont ta' pilloli suspettati ecstasy*".[5] Jghid ukoll illi "*jien rajtu jaqla' idejh minn mac-cinta, jgholli idejh forma ta' arc ... ahna konna qeghdin mal-moll, xi metru boghod minnha gbarna dan il-bott li rajnieh jaqa' fil-bahar*".[6] Ix-xhud gharaf il-bott in kwistjoni u gharaf ukoll il-kitba tieghu fuq l-*evidence bag* li kien fiha l-istess bott.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[7], jirrizulta illi huwa nghata dokument konsistenti f'*envelope* kannella li kien jikkontjeni *Police Evidence Bag* u li kien fih flixkun tal-hgieg trasparenti b'23 pillola ta' lewn griz bil-logo '?'. F'estratti mehuda minn pillola ta' lewn griz f'dan id-dokument, instabet is-sustanza <u>3,4-*Methylenedioxymethamphetamine*</u> *(MDMA*).

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[8] Huwa jghid illi hekk kif kien fil-kju sabiex jitla' fuq dghajsa ghall-*party*, u fil-waqt li kien hemm nies quddiemu u warajh, huwa ra tliet irgiel joforqu n-nies u jghajjtu 'pulizija, pulizija'. Marru dritt fuqu u hu gholla jdejh u bdew ifittxulu. Skont hu, wiehed minnhom beda jfittixlu

[3] A fol. 29 tal-process.
[4] A fol. 32 tal-process.
[5] A fol. 44 u 45 tal-process.
[6] A fol. 45 tal-process.
[7] Din tinsab esebita a fol. 38 tal-process.
[8] A fol. 86 sa 101 tal-process.

waqt li kien ghadu fil-kju – "*kien hemm in-nies quddiemi u warajja, go kju ta' nies, go 200 ruh*".[9] Ukoll skont l-imputat, sakemm il-pulizija qed ifittixlu b'idejh 'il fuq, wiehed minnhom qal "*ramewhom, ramewhom*". Jghid ukoll illi ma kienx jaf ghalxiex kienu qeghdin jirreferu u illi fuqu ma sabu xejn. Haduh fil-vettura, fejn saret tfittxija wkoll u hemmhekk lanqas ma sabu xejn. Haduh fir-residenza tieghu u saret tfittxija, li rrizultat fin-negattiv. L-ghada ghall-habta tal-4.00 p.m. ittehditlu stqarrija u skont hu, kien f'dan il-waqt li sar jaf bil-bott in kwistjoni. Jghid illi huwa ma kien jaf xejn dwar dan il-bott, li l-bott zgur ma kienx tieghu u li ma kellux x'jaqsam mieghu. Jghid illi huwa ma setax jaqla' l-bott mic-cinta b'idejh mghollijin u bil-pulizija mdawwrin mieghu. Jghid ukoll in kontro-ezami illi fil-proceduri, il-pulizija xehdu mod, imbaghad "*meta ergajt dhert qalu li t-tape recording kien hazin u taw ix-xhieda differenti ...*".[10] Jerga' jsostni li l-bott ma kienx tieghu u jghid illi dak iz-zmien ma kienx jabbuza mid-droga, lanqas *ecstasy*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza tghid illi hija mankanti l-kontinwita` tal-prova. Dwar dan, id-difiza tghid illi x-xhud PC 1348 Campbell ma jghidx ezatt x'kienet il-kronologija ta' dak li sehh. Skont id-difiza, l-imputat gie arrestat minn PC 1348 u l-kollega tieghu, saritlu tfittxija u ttiehed lejn il-vettura. Fil-frattemp ukoll stennew il-bott jidhol mal-mewg, f'liema punt PC 1348 ixxabbat ghalih. Id-difiza tghid illi mhux verosimili illi l-ufficjali tal-pulizija prezenti zammew ghajnejhom fuq il-bott li kien fil-bahar u li lanqas ma huwa verosimili li f'Lulju il-mewg idahhal lejn il-blat, apparti li ma ngabitx prova li kien hemm ir-rih, jew li l-mewg kien jaghti 'l gewwa. Tghid id-difiza illi lanqas ma huwa verosimili illi persuna taghmel tfittxija, izzomm ghajnejha fuq il-kju ta' nies, biex imbaghad toqghod tistenna l-bott diehel bil-kwiet permezz tal-mewg. Skont id-difiza, ma jirrizultawx bizzejjed provi, sal-grad rikjest mil-ligi, li juru li l-oggett li rema l-imputat fil-bahar huwa l-bott li huma gabru u li ddahhal bil-mewg. Tissottometti li l-pulizija ma setax kellhom dak il-vizwal fl-istess waqt li kienu qed jaghmlu wkoll affarijiet ohrajn u ghalhekk m'hemmx certezza li l-bott li gabru kien l-istess wiehed li ntefa' mill-moll, specjalment bl-ammont ta' nies li jiffrekwentaw dawk il-bnadi fis-Sajf u tenut kont tan-numru ta' dghajjes li jkun hemm f'dawn iz-zmenijiet. Skont id-difiza, kieku kien l-istess bott, kien jibqa' vicin il-moll u ma kienx ikun hemm ghalfejn jiddahhal mal-mewg. Id-difiza taghmel referenza wkoll ghall-fatt illi ma nstab xejn izjed la fuq il-persuna tal-imputat, lanqas fil-vettura jew fir-residenza tieghu, kif ma nstab xejn fuq il-*mobile phone* li gie ezaminat mill-

[9] A fol. 87 tal-process.
[10] A fol. 98 tal-process.

espert, bhal messaggi li juru li l-imputat kien involut fit-traffikar tad-droga. Tghid ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien diga` irrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tad-difiza fis-sens illi hemm xi mankanza dwar il-kontinwita` tal-prova f'dan il-kaz. PC 1348 kien car fix-xhieda tieghu u l-Qorti ma ssib xejn f'din ix-xhieda li jista' jqanqlilha dubju dwar dak li kien ra ossia lill-imputat jarmi bott, liema bott spicca fil-bahar. F'dan huwa korroborat ukoll minn PS 1086, li wkoll jghid illi ra lill-imputat jarmi bott u li ra l-bott jaqa' fil-bahar. Anzi mix-xhieda ta' PS 1086, jirrizulta illi l-moviment tal-imputat kien tali li wiehed pjuttost jinnutah, ghaliex jghid illi l-imputat gholla jdejh f'forma ta' *arc*, apparti li rah ukoll jaqla' jdejh minn mac-cinta tal-qalziet. In oltre kif jghid PC 1348, dan kollu gara ghall-habta tat-8.00 a.m., fix-xahar ta' Lulju u ghalhekk kien ghadu d-dawl, li jfisser illi l-pulizija setghu jaraw sew dak li kien qed isehh. In oltre ghalkemm id-difiza tipprova taghti x'tifhem li ghadda hafna hin minn meta l-imputat gie nnutat jarmi fil-bahar sakemm ingabar il-bott in kwistjoni u ghalhekk skont id-difiza, m'hemmx il-prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li dak li ngabar kien l-istess bott li ntrema mill-imputat, biss kif xehed PC 1348 ghaddew bejn tlieta u hames minuti sakemm ingabar il-bott u mhux xi hin twil. In oltre PC 1348 jghid illi fil-frattemp il-bott inzamm taht ghajnejhom. Issa huwa minnu li fil-frattemp, l-imputat gie mrazzan mill-pulizija u saritlu wkoll tfittxija, biss huwa minnu wkoll illi b'kollox kienu tliet pulizija fuq ragel wiehed u mhux pulizija wahdu u ghalhekk m'hemm xejn inverosimili li matul dan kollu, huma setghu jibqghu jaraw u jsegwu l-bott fil-bahar. Tirrileva wkoll illi ghalkemm id-difiza tishaq fuq dak li jghid PC 1348 fix-xhieda tieghu, fis-sens illi huma stennew il-bott jidhol bil-mewg mal-moll, ma jfissirx illi dan il-bott kien gej minn xi distanza tassew twila u li damu xi hin twil jistennewh diehel bil-mod! Mix-xhieda ta' PC 1348, il-Qorti tifhem illi dan ma setax jintlahaq u ghalhekk l-istess PC 1348 stenna sakemm il-bott kien f'posizzjoni li huwa seta' jigbru. Tant hu hekk illi huwa jghid in kontro-ezami li mill-mument li l-imputat ingibed fil-genb sal-mument li fih huwa gabar il-bott, m'ghaddewx izjed minn hames minuti.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jaghti l-impressjoni illi t-tfittxija saritlu fil-folla tan-nies li kienu qeghdin jistennew sabiex jitilghu fid-dghajsa. Jghid fil-fatt illi kien hemm nies quddiemu, warajh u ma' genbu. Biss mhux hekk jirrizulta mix-xhieda ta' PC 1348 u ta' PS 1086, li jghidu illi sabiex issirlu t-tfittxija, l-imputat tressaq fil-genb u kien f'dan il-mument li gie nnutat jarmi l-bott li sussegwentement gie migbur mill-bahar. Fil-fehma tal-Qorti, il-verzjoni tal-Ufficjali tal-Pulizja hija izjed verosimili u dan ghaliex hija prassi normali li tfittxija ma ssirx f'folla nies, izda f'post fejn wiehed ikun jista' jahdem

ahjar u ghalhekk hija wkoll verosimili l-verzjoni tal-istess Ufficjali tal-Pulizija li huma setghu jaraw lill-imputat jarmi l-oggett fil-bahar. L-imputat jipprova wkoll jaghti l-impressjoni li huwa gholla jdejh hekk kif bdiet issirlu t-tfittxija u li ma setax jarmi bott fil-bahar b'idejh mghollijin, imdawwar b'erba' pulizija. Jghid ukoll illi huwa mill-ewwel ikkopera mal-pulizija u la darba dawn qalulu li kienu ser jaghmlulu tfittxija, huwa rrimarka li kienu qed jaghmlu xogholhom. Biss mix-xhieda ta' PC 1348, jirrizulta wkoll illi t-tfittxija fuq l-imputat ma saritx mill-ewwel, izda l-ewwel tressaq fil-genb u kien hawn, wara li rema l-bott, li huwa beda jirrezisti, bir-rizultat li l-ewwel ikkontrollawh, imbaghad ghamlulu t-tfittxija. Ghalhekk mhux il-kaz, kif donnu jipprova jaghti x'jifhem l-imputat, illi huwa gholla jdejh mill-ewwel sabiex issirlu t-tfittxija hekk kif gie avvicinat mill-pulizija u li allura, skont hu, ma seta' jarmi xejn. Tinnota wkoll il-Qorti illi fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat lanqas ma jsemmi s-sejba tal-bott jew il-fatt li dan rah jingabar mill-bahar mill-pulizija u donnu jaghti x'jifhem illi wara li saritlu t-tfittxija u l-pulizija qalu 'ramewhom, ramewhom' – meta fil-fatt skont hu kienet qeghda ssir tfittxija fuqu biss u fuq hadd izjed – baqghu sejrin bih lejn il-vettura, biex imbaghad ikompli jghid illi ma kienx jaf ghalfejn kien gie arrestat u li sar jaf biss meta sar l-interrogatorju tieghu. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-bott ingabar fil-presenza tal-imputat u li l-imputat kien jaf ben tajjeb ghaliex kien qed jigi arrestat. In oltre ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi l-pulizija xehed b'mod differenti meta rega' xehed it-tieni darba – u hawn l-imputat qed jirreferi ghal PS 1086 li kellu jixhed darbtejn f'dawn il-proceduri stante li l-ewwel darba x-xhieda tieghu ma gietx irrekordjata – m'hemm xejn fl-atti li jindika dan, apparti li l-Qorti tinnota li lanqas ma sar il-kontro-ezami tal-istess PS 1086 dwar it-tieni xhieda tieghu.

Tqis illi fid-dawl tax-xhieda prodotta u tal-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, il-Prosekuzzjoni ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat rema l-bott, li kien jikkontjeni 23 pillola *ecstasy* fil-bahar. Il-fatt li ma nstab xejn konness mad-droga fil-vettura tal-imputat jew fir-residenza tieghu, ma jnaqqas xejn minn dan kollu. Dwar il-*mobile* tal-imputat, kif inghad, id-difiza tissottometti li ma nstab xejn li jindika li huwa kien involut fit-traffikar tad-droga. Dwar dan, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi mix-xhieda ta' Dr. Martin Bajada jirrizulta illi huwa pprezenta biss il-kontenut tas-*sim card* tal-*mobile* izda mhux il-kontenut tal-*mobile,* ghaliex huwa sab il-batterija *blistered* wara li ghaddew hames snin sakemm inghata l-esebit u ghalhekk ma setax johrog l-informazzjoni minn fuq il-*mobile.* Issa huwa minnu illi mill-kontenut tas-*sim card*, ma hemm xejn li jindika li l-imputat kien ftiehem sabiex jixtri jew ibiegh id-droga jew li kellu xi konnessjoni mad-droga, biss kif inghad izjed 'il fuq, jirrizulta car lill-Qorti illi l-imputat rema fil-bahar bott li kien jikkontjeni 23 pillola u fil-fehma taghha, in-nuqqas ta' prova fil-*mobile* ma

jwassalx sabiex il-Qorti tiddubita mill-provi l-ohrajn li gew prodotti quddiemha jew sabiex ixejjen il-kunsiderazzjonijiet taghha izjed ‘il fuq.

Kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Sammut, kien hemm tlieta u ghoxrin pillola *ecstasy* fil-bott in kwistjoni. L-imputat jghid fix-xhieda tieghu illi huwa ma kienx jaghmel uzu mid-droga fiz-zmien mertu tal-kaz. Biss anke kieku ghall-grazzja tal-argument biss, l-imputat kien bi hsiebu jiehu mill-pilloli li kellu fil-pussess tieghu, zgur illi tlieta u ghoxrin pillola ma jistghux jigu meqjusa bhala ammont ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, apparti li dawn il-pilloli kienu ntizi sabiex jittellghu fuq dghajsa waqt *party*.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien mertu tal-kaz, liema fedina kienet tinkludi kundanni dwar serq aggravat, tenattiv ta’ serq aggravat u hsara volontarja, reati kontravenzjonali, pussess ta’ arma, pussess semplici ta’ droga (f’izjed minn okkazzjoni wahda) u traffikar tal-istess. Dwar dan l-ahhar reat, l-imputat gie kkundannat ghal xahar prigunerija effettiva.

Tqis ukoll kemm ix-xhieda tal-imputat dwar ir-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga u anke x-xhieda ta’ Vicky Scicluna in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, li kkonfermat li l-imputat kien gradwa minn programm fi hdan il-Komunita` Santa Marija f’Awwissu 2007, li baqa’ jattendi ghas-sessjonijiet volontarjament anke wara li kien lesta l-programm u li matul dan iz-zmien, irrizulta *clean* mid-droga. Il-Qorti tirrileva illi veru illi l-kaz odjern sehh fis-sena 2008, izda mix-xhieda jirrizulta wkoll illi sas-sena 2012, l-imputat kien ghadu jattendi s-sessjonijiet mal-psikologi u baqa’ f’kuntatt mal-Agenzija sas-sena 2015. Tghid ukoll illi l-imputat huwa rijabilitat sew mill-vizzju tad-droga, li qed jghix hajja stabbli u huwa kompletament integrat fis-socjeta`.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u li fil-pussess tieghu, l-imputat kellu 23 pillola, li certament m’huwiex ammont zghir ta’ pilloli.

Mill-banda l-ohra tqis ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2008. Il-kawza bdiet tinstema’ f’April 2010 u l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f’Dicembru 2014.

Salv ghal seduta wahda, l-imputat dejjem deher ghas-smiegh tal-kawza u fil-maggor parti, il-kawza twalet ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistghu jithallsu mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u hamsin Euro, sitta u sebghin centezmu (€154.76) u l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tmienja u sittin Euro, disgha u erbghin centezmu (€268.49), b'kollox ghalhekk ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' erbgha mija, tlieta u ghoxrin Euro, hamsa u ghoxrin centezmu (€423.25), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum.

Tordna d-distuzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NC2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* Dokument MB1 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat